MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 2610/1999/1

**Edgar Bonnici Cachia u Mario Cardona**

**vs**

**Mid-Med Bank p.l.c. u b'nota tal-14 ta' Frar 2000 gie dikjarat li a tenur ta` l-Artiklu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta l-isem tal-bank konvenut inbidel ghal "HSBC Bank Malta p.l.c."**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

Illi l-bank konvenut ottjena l-hrug tal-mandati ta` qbid esekuttivi numru 3529A/99 fil-konfront tal-esponent

Bonnici Cachia u n-numru 3530/99 fil-konfront ta` l-attur Cardona;

U stante li dawn il-mandati gew ottenuti ghall-ammont ta` Lm1119.34 u Lm1000 rispettivament oltre Lm508.79 spejjez. Illi fil-fatt dawn il-mandti inhargu a bazi ta` sentenza li awtorizzat esekuzzjoni ta` sentenza precedenti ghall-ammont ta` elf lira li fiha l-esponent kienu konvenuti solidament;

Illi minn meta giet deciza l-ewwel kawza saru diversi pagamenti kif jidher mill-atti tal-kawza Mid-Med Bank vs Edgar Bonnici Cachia (citaz. 2166/97) pendenti quddiem mandati imsemmija huma eccessivi;

L-atturi ghalhekk talbu li l-bank konvenut jghid ghaliex ma ghandiex din il-Qorti:

Tordna r-revoka ta` l-imsemmija mandati jew ta` l-esekuzzjoni taghhom;

Fin-nuqqas tordna riduzzjoni fl-ammonti indikati bhala sorte u spejjez ta` l-istess mandati;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konemata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-bank konvenut fejn gie eccepit :

Fl-ewwel lok il-procedura uzata mill-atturi hija irrita u nulla stante illi l-artiklu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi illi l-procedura li ghandha tintuza hija b`rikors;

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-atturi kienu gia ipprocedew fuq l-istess meritu tal-kawza permezz tal-kawza permezz ta` zewg rikors separati (kopji hawn annessi bhala Dok C u Dok D), izda dina l-Onorabbli Qorti ghal ragunijiet imputabbli biss lill-atturi fit-12 ta` Novembru, 1999 kienet ikkancellat l-istess rikorsi

minn fuq il-lista tas-smiegh. L-atturi ma hadu ebda passi biex jirriappuntaw l-istess rikorsi;

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet ta` l-atturi ghandhom jigu michuda stante illi l-ammonti li ghalihom qed issir l-esekuzzjoni di fatti huma anqas mill-ammonti effettivament dovuti, u dan kif jidher mill-prospett li qed jigi hawn ezebit bhala Dok E;

Illi huwa car illi l-atti pprezentati mill-atturi huma frivoli u vessatorji u huma intizi biss biex jevitaw jew jipposponu li jhallsu dak li hu dovut minnhom skond sentenza moghtija minn dina l-qorti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet ix-xhud prodott mill-atturi;

Rat l-affidavit tal-attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi jghamlu referenza ghall-mandati ta' qbid esekuttivi li l-bank konvenut ottjena separatament fil-konfront taghhom (numru 3529A/99 u numru 3530/99) ghall ammont ta' Lm1119.34 u Lm1000 rispettivament oltre Lm508.79 spejjez. L-atturi jippremettu li dawn il-mandati gew ottjenuti in virtu' ta` sentenza li awtorizzat esekuzzjoni ta` sentenza precedenti ghall-ammont ta` elf lira u li fiha huma kieneu konvenuti solidament. L-atturi jkomplu jippremettu li minn meta giet deciza l-ewwel kawza saru diversi pagamenti u ghalhekk l-ammonti indikati li ghalihom saru l-imsemmija mandati huma eccessivi. Hawnhekk l-atturi jghamlu referenza ghall-atti tal-kawza "Mid-Med Bank vs Edgar Bonnici Cachia" (citazzjoni numru 2166/97). Ghalhekk l-atturi talbu li tigi ordnata r-revoka ta` l-imsemmija mandati jew ta` l-

esekuzzjoni taghhom. Fin-nuqqas, huma talbu, ir-riduzzjoni tal-ammonti indikati bhala sorte u spejjez fl-istess mandati;

Il-bank konvenut qed jeccepixxi li fl-ewwel lok il-procedura uzata mill-atturi hija irrita u nulla stante illi l-artiklu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi illi tali procedura trid issir b`rikors. Qed jeccepixxi ukoll li l-atturi kienu gia ipprocedew fuq l-istess meritu tal-kawza permezz ta` zewg rikors separati liema kawzi kienu gew kancellati. Fl-ahhar jeccepixxi li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-ammonti li ghalihom qed issir l-esekuzzjoni di fatti huma anqas mill-ammonti effettivament dovuti;

Jirrizulta li l-mandati meritu ta` din il-kawza huma in ezekuzzjoni ta` sentenza tat-30 ta` Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet “Avukat Dottor Philip Farrugia Randon nomine vs Edgar Bonnici Cachia et” (Citaz Nru. 1492/92GC) li awtorizzat lill-bank konvenut jesegwixxi sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-14 ta` Novembru, 1988 (citazzjoni numru 324/86);

Ghandu jighad mill-ewwel li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw b’mod suffuicjenti l-pretensjonijet taghhom. Xehed biss l-attur Bonnici Cachia li qal li l-ammont originali li huwa kien issellef mill-bank konvenut kien in effett intuza minn certu Stephen Micallef. Dan Micallef kien wieghed li ser ihallas lura l-ammont in kwestjoni fi zmien ftit xhur pero’ jidher li dan qatt ma sar. L-attur jghid li li saru xi pagamenti li ma gewx ikkonsidrati mill-bank konvenuta meta beda jesegwixxi l-imsemmija sentenza. L-attur jghid ukoll li l-bank zamm l-imghax fuq l-imghax meta ma kellux dritt jghamel hekk. Dawn il-pretensjonijiet tal-attur Bonnici Cachia zgur li ma gewx sufficjentement pruvati;

In effett jirrizulta li kienu saru xi pagamenti pero’ dawn gew akkreditati lill-imghaxijiet u lill-ispejjez tal-varji kawzi. Ghalhekk il-pagamenti li saru qatt ma gew akkreditati ghas-self per se. In effett jirrizulta li dan il-kont ilu ghaddej mill-14 ta` Novembru 1985 u ghalhekk hu ovvju li hemm hafna imghaxijiet, u inoltre kien hemm dversi spejjez ta’

varji kawzi li saru in konnessjoni mal-istess kont. Jirrizulta ukoll li l-ammonti li ghar-rigward taghhom qed issir l-esekuzzjoni huma anqas mill-ammonti effettivament dovuti mill-atturi u ghalhekk il-mandati in kwestjoni nhargu fuq is-sorte originali;

Barra minn hekk jidher li ai termini tal-artikolu 283A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta azzjoni bhal din kellha issir b'rikors u mhux bic-citazzjoni. Dan jista jwassal ukoll ghan-nullita' ta' dawn il-proceduri;

In vista ta dak kollu li gie premess l-eccezzjonijiet tal-bank konvenut jimmeritaw li jigu akkolti filwaqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-bank konvenut u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------